MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 18/2002/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech f'isem l-assenti John Paul Olivier, Robert Henry Olivier, Frences Testaferrata Olivier, Mario Galea Testaferrata (u b'digriet tat-23 ta' Settembru 2008 wara l-mewt tieghu l-atti kienu trasfuzi f'isem Camilla Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata u Simon Galea Testaferrata), Helen Miles (u b'digriet tal-Bord tat-3 t'April 2008 wara l-mewt taghha l-atti kienu trasfuzi f'isem Agnese Gera de Petri Testaferrata (ID 454749M), Nicholas Jensen (ID 47654M) u Irene Bache (ID 388781M) ), Agnese Gera de Petri, Anne Marie Spiteri Debono f'isimha proprju u f'isem l-assenti Caren Preziosi, Nicholas Jensen f'ismu u f'isem l-assenti Irene Bach u Alfred Gera de Petri bhala ezekutur testamentarju ta' Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta’ l-Kummissarju ta’ l-Art li jghid hekk:

Illi l-intimati Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech f’isem l-assenti John Paul Olivier, Robert Henry Olivier, Frances Testaferrata Olivier, Mario Galea Testaferrata, Helen Miles, Agnese Gera de Petri, Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem l-assenti Caren Preziosi, Nicholas Jensen f’ismu proprju u f’isem l-assenti Irene Bach gew notifikati b’Avviz ghall-Ftehim datat 22 t’Awissu, 2001 fejn gew infurmati illi l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti lesta li thallas ghall-proprjeta’ ossia bicctejn art f’Marsascala wahda tal-kejl ta’ mardwar 745 metri kwadri li tmiss mill-punent ma’ Triq Pubblika, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Anthony Sant Cassia u l-ohra tal-kejl ta’ madwar 978 metri kwardi li tmiss mill-punent ma’ Triq Pubblika, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Anthony Sant Cassia huwa ta’ tnejn u ghoxrin elf u mitejn u sittin Lira Maltin (Lm22,260) u tminja u ghoxrin elf u mitt lira Maltija (Lm28,100) rispettivament, kif jidher deskritt fir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino tal-25 ta’ Gunju, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tas-6 ta’ Settembru, 2001 l-intimata n-nobbli Anna Maria Spiteri Debono f’isimha proprju u f’isem l-assenti Kontessa Caren Preziosi fost affarijiet ohra ddikjarat illi ma taccettax il-kumpens offert ghal bicca art u dan ghandu jkun ta’ mija u seba u tletin elf u tmienja u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm137,825) u mija u tmenin elf disa mija u tletin Lira Maltin (Lm180,930) rispettivament.

Illi b’zewg ittri ufficjali datati 10 ta’ Settembru, 2001 l-intimati l-ohra u cioe’ Helen Miles, Agnese Gere de Petri, Mario Galea Testaferrata, Dr. Mario Sant Cassia, Dr. Louis Joseph Sant Cassia, Maria Arrigo, Dr. Leslie Grech

ghan-nom ta’ John Paul Olivier, Robert Henry Olivier u Frances Testaferrata Olivier u Nicholas Jensen Testaferrata f’ismu proprju u ghan-nom u in rappresentanza t’ohtu l-imsiefra Irene Bach iddikjaraw illi ma jaccettawx il-kumpens offert u dana ghandu jkun ta’ mija u seba u tletin elf u tmienja u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm137,825) u mija u tmenin elf disa mija u tletin Lira Maltin (Lm180,930) rispettivament.

Illi l-intimat Alfred Gera de Petri bhala ezekuttur testamentarju ta’ Alfio Testaderrata Bonici gie notifikat b’Avviz ghall-Ftehim datat 8 t’April, 2002 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghall-proprjeta ossia l-bicctejn art f’Marsascala immsemmija fl-ewwel paragrafu ta’ dana r-rikors huwa ta’ tnejn u ghoxrin elf u mitjen usittin Lira Maltija (Lm22,260) u tmienja u ghoxrin elf u mitt Lira Maltin (Lm28,100) rispettivament, kif jidher deskritt mir-rapport tal-Perit Fred H. Valentino A&CE tal-25 ta’ Gunju, 2001 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tas-26 t’April, 2002, l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob lil dan il-kumpens ghandu jikun ta’ mija u seba u tletin elf u tmienja u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm137,825) u mija u tmenin elf disa mija u tletin Lira Maltin (Lm180,930) rispettivament.

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittraferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franki u liberi l-bicctejn art f’Marsascala fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici. (Kap. 88)

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi in sostenn tal-kontestazzjoni taghhom, l-intimati ressqu bhala xhud *ex parte* lill-perit arkitett Carmel Farrugia li hejja rapport dwar iz-zewg fondi u kkonkluda li dak ta' kejl ta' cirka 745 metru kwadru ghandu valur ta' Lm137,825 filwaqt illi dak ta' kejl ta' cirka 978 metri kwadri ghandu valur ta' Lm180,930;

Illi f'din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Joseph Mizzi li wara li ezaminaw zammew access fuq il-fondi in kwistjoni u ezaminaw id-dokumenti esebiti inkluz ix-xhieda tal-intimati ikkonkludew bil-mod segwenti skond kif jirrizulta fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

"Huma ikkunsidraw dana kollu kif ukoll id-disposizzzjonijiet ta' l-Ordinanza [dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta] u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi il-proprjeta in kwistjoni ghandha tigi stmata hekk:

L-ewwel porzjon bhala proprjeta' fabrikabbli fil-kejl ta' erba mija w erbghin metru kwadru (440m.k.) u bhala agrikola fil-kejl ta' tlett mija u hames metru kwadru (305 m.k.) waqt illi t-tieni porzjon bhala proprjeta' fabrikabbli fil-kejl ta' hames mija u hamsin metru kwadru (550 m.k.) u bhala agrikola fil-kejl ta' erba mija, mitejn u tlitt metru kwadru (423 m.k.) u li il-valur tal-istess proprejta bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' wiehed u sebghin elf, u hames mittlira maltin (Lm71,500) [Euro 166,550.19] ghall-ewwel prozjon u ta' disa u tmenin elf u hames mitt lira maltin (Lm89,500) [Euro 208,478.91] ghat-tieni.

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizzjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-

istess membri.  Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala liberi u franki b’titolu ta’ xiri assolut z-zewg porzjoinijiet art f’Marsascala u cioe’ l-ewwel porzjoni  tal-kejl ta’ mardwar 745 metri kwadri li 440 metri kwadri minnha huma fabrikabbli u 305 metri kwadri  huma agrikoli li tmiss mill-punent ma’ Triq Pubblika, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Anthony Sant Cassia  it-tieni porzjon tal-kejl ta’ madwar 978 metri kwardi li minnha 550 metri kwadri huma fabrikabbli u 423 metri kwadri huma agrikoli li tmiss mill-punent ma’ Triq Pubblika, mit-tramuntana u min-nofs in-nhar ma’ proprjeta’ ta’ Anthony Sant Cassia  u dan versu l-kumpens, l-ewwel porzjon ta’ mija sitta u sitta elf hames mija u hamsin euro u dsatax-il centezmu (Euro 166,550.19) u t-tieni porzjon ta’ mitejn u tmint elef erba mija tmienja u sebghin euro u wiehed u disghin centezmu (Euro 208,478.91) u komplessivament fl-ammont ta’ tlett mija hamsa u sebghin elf u disa u ghoxrin euro u ghaxar centezmi (Euro375,029.10) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati.  Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-27 ta Marzu, 2009 fit-3.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------